**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2021**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru. 28/2020 JZM**

**Victor Fenech (K.I. Numru 698355M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-<u>30 ta` Lulju 2020</u> u li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti huwa direttur u ultimate beneficial owner tas-socjeta` Hecnef Properties Limited bin-numru ta` registrazzjoni C 9194 registrata fl-indirizz `Birkirkara Auto Sales`, Valley Roard, Birkirkara, Malta.*

*2. Illi ai termini tal-artikolu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap 385 tal-Ligijiet ta` Malta, l-intimat baghat ittra datata 21 ta` Frar 2020 li permezz taghha avza lid-diretturi tas-socjeta` Hecnef Properties Limited li s-socjeta` kienet naqset milli tirregistra d-dokumenti rilevanti mal-istess u ghalhekk kellha tinforma lill-intimat jekk kinitx ghadha qieghda topera (hawn annessa u mmarkata bhala Dok A).*

*3. Illi fl-14 ta` Marzu 2020, u cioe` qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit mil-ligi, ir-rikorrenti informa lill-intimat illi s-socjeta` Hecnef Properties Limited kienet ghadha qed topera u spjega wkoll x`kienu d-diffikultajiet tas-socjeta` Hecnef Properties Limited li tirregistra d-dokumenti rilevanti u cioe` stante li l-awditur John Abela ta` Horwath Malta (Warrant Number AB14/83/29) kien tilef il-files u ma setax jawditja l-kontijiet. Illi qed jigu prezentati numru ta` korrispondenza ossia emails hawn annessi u kumplessivament immarkat bhala Dok B.*

*4. Illi minkejja dan, l-esponenti rcieva ittra mill-intimat datat 7 ta` April 2020 li s-socjeta` Hecnef Properties Limited kienet ser tigi xjolta u l-isem tal-istess socjeta` Hecnef Properties Limited imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji, ai termini tal-Artikolu 325 (2) (hawn annessa u mmarkata bhala Dok C).*

*5. Illi l-esponenti ghamel diversi tentattivi sabiex jerga` jinforma lir-Registratur li s-socjeta` Hecnef Properties Limited kienet qed topera u anke talab li ssir laqgha mal-intimat sabiex tinstab soluzzjoni u tigi rizolta din il-kwistjoni amministrattiva. Illi dan kollu johrog b`mod car mill-emails imsemmija hawn fuq li huma mmarkati bhala Dok B.*

*6. Illi s-socjeta` Hecnef Properties Limited thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji mizmuma mill-intimat, b`effett mis-7 ta` Lulju 2020 u dan skont email datata 15 ta`Lulju 2020, gia prezentata fid-Dok B.*

*7. Illi r-rikorrenti hass ruhu aggravat b`tali thassir u ghandu kull interess illi l-istess socjeta` Hecnef Properties Limited terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. Illi jekk is-socjeta` Hecnef Properties Limited ma tergax titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji,*

*ir-rikorrent sejjer isofri danni rreparabbli, billi l-assi tal-istess socjeta` sejrin jiddevolvu f` idejn il-Gvern ta` Malta.*

*8. Illi sfortunatament is-sitwazzjoni tal-COVID-19 xejn ma ghenet u dan stante li l-ufficjali tal-intimat ma kienux qeghdin jaraw nies u li kieku kien hemm il-possibilitia` li ssir laqgha bejn il-partijiet abbli kien ikun hemm prospett ragonevoli li l-kwistjoni odjerna tissolva minghajr ma s-socjeta` Hecnef Properties Limited kienet tigi mhassra u jkun hemm il-htiega li ssir din il-kawza.*

*9. Illi r-rikorrenti huwa lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzoni tal-kumpannija in kwistjoni. Illi infatti, ir-rikorrent diga`kkaguna li jkunu preparati d-dokumenti rilevanti kollha tas-socjeta` Hecnef Properties Limited biex l-istess ikuru jistghu jigu rregistrati.*

*10. Illi r-rikorrenti huwa direttur u l-ultimate beneficial owner tas-socjeta` Hecnef Properties Limited u dan kif jidher mill-estratt mir-Registru tal-Kumpanniji hekk kif printjat mil-Avukat Frendo fis-16 ta` Lulju 2020 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok D).*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment opportun tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 385 tal-Ligijiet ta` Malta :*

*1. Jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` Hecnef Properties Limited bin-numru ta` registrazzjoni C 9194 fir-Registru tal-Kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet ble2istenza taghha daqslikieku isimha ma giex imhassar ; u*

*2. Jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattivi ghal tali inderzjoni fir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-3 ta` Settembru 2020 li taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija HECNEF PROPERTIES LIMITED (C 9194) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji (ir-"Registratur") fit-23 ta` Novembru 1987.*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpannija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji. Fil-fatt l-ahhar kont annwali registrat mar-Registratur kien tas-sena 2009 filwaqt illi l-ahhar prospett annwali kien tas-sena 2012. Rigward il-prospett annwali apparti t-tariffi mis-sena 2013 `il quddiem, il-kumpannija naqset milli thallas it-tariffa tas-snin 1997, 2001 u 2011 ukoll.*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissopponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur proceda sabiex kiteb lill-kumpannija u lill-ufficjal taghha sabiex javza illi l-isem tal-kumpannija kien ser jigi mhassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx.*

*Illi konsegwentement ai termini tal-Artikolu 325, l-esponent gie nfurmat illi kien hemm interess illi l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru. Ir-Registratur jikkonsidra illi f`kaz illi l-kumpannija ghadha topera l-inqas haga li tista` taghmel hija li taggorna d-dokumentazzjoni taghha mar-Registratur u dan sabiex taghti stampa cara lil terzi persuni tal-pozizzjoni taghha u l-istat li tinstab fih.*

*Illi l-ufficjali tal-Malta Business Registry (MBR) informaw lir-rikorrent illi kellu jaggorna d-dokumentazzjoni u sahansitra intbaghat elenku tad-dokumentazzjoni li kellha tigi sottomessa. Ir-rikorrent gharrafhom illi huwa ma kienx f`pozizzjoni illi jissottometti l-kontjijiet annwali ghaliex kellu xi dizgwid mal-accountant tieghu s-Sur John Abela. L-MBR fehmet din is-sitwazzjoni u ghaldaqstant qablet illi sabiex*

*jitwaqqaf il-process tat-thassir tal-isem tal-kumpannija, il-kumpannija kellha ggib il-prospett annwali 2013 sa 2019 flimkien mat-tariffa relattiva ta` Euro 350 kull prospett annwali.*

*Illi fit-18 ta` April 2020 is-Sur Victor Fenech ikkonferma mal-ufficjali tal-MBR illi kien ser jissottometti l-prospetti annwali "shortly" flimkien mat-tariffi msemmija. Il-kumpannija kellha ftit inqas minn tliet xhur sabiex tottempera ruhha u taghmel is-sottomissjonijiet, liema prospetti annwali huma sempliciment formula bid-dettalji tal-kumpannija u l-ufficjali taghha u li m`hemmx bzonn l-involviment ta` professjonist. Tajjeb wiehed jinnota illi dawn is-sottomissjonijiet ma sarux u lanqas it-tariffa ma thallset. Ghal din ir-raguni r-Registratur assuma illi rega ntilef l-interess li tinzamm il-kumpannija u pproceda bit-thassir fis-7 ta` Lulju 2020.*

*Illi r-rikors qieghed isir fiz-zmien il-hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir u ghalhekk ghadu fiz-zmien stipulat mil-ligi.*

*Illi jekk l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi l-kumpannija ghandha taggorna d-dokumenti mehtiega kollha u dan sabiex jigi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jigu maghrufin il-passi illi ghandhom jittiehdu min-naha tieghu sabiex il-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni tigi rattifikata.*

*Illi ghaldaqstant huwa lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikulari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez*.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-kawza, l-ahhar wahda dik tas-7 ta` Jannar 2021, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

**II. Konsiderazzjonijiet**

**Ir-rikorrent mexxa bil-procedura tal-lum abbazi tal-Art 325(4) tal-Kap 386.**

**Jirrizulta ppruvat illi r-rikorrent huwa azzjonista bl-akbar ghadd ta` ishma fil-kumpannija in kwistjoni (ara Dok D a fol 18).**

**Tqis ghalhekk li ghandu *locus standi* sabiex jippromwovi l-istanza odjerna.**

**Wara li qieset kif svolga l-procediment odjern, fl-ghoti tal-provvediment taghha tal-lum, il-qorti tirrileva li sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, ir-rikorrent wera disponibilita` li jirregola l-pendenzi li kellha l-kumpannija mal-intimat qabel dan ta bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru.**

**Din id-disponibblita` tar-rikorrent kienet evidenti anke fil-premessi tar-rikors promotur.**

**Il-qorti taccetta bhala sodisfacjentement ippruvat li l-intimat kellu ragunijiet tajba bizzejjed sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija.**

**Tishaq li l-intimat kien gustifikat ghaliex sab li kien hemm inadempjenzi ripetuti tal-kumpannija fit-twettieq tal-obbligi taghha skont il-Kap 386.**

**Tajjeb jinghad li fil-kors tal-kawza odjerna, kienu risolti l-pendenzi kollha.**

**Tenut kont ta` kif ir-rikorrent wera mpenn tangibbli *pendente lite* sabiex igib il-pendenzi tal-kumpannija *in order,* liema mpenn kien accettat mill-intimat, il-qorti tqis li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Fl-istess waqt il-qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrent li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kulma ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi ripetut.**

**Proprju xejn minn dan.**

**Il-qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull min huwa responsabbli.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent billi –**

**Tordna li l-isem Hecnef Properties Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9194 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Hecnef Properties Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9194 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Hecnef Properties Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9194 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u**

**f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Hecnef Properties Limited (C9194) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, kif ukoll kull spiza relatata mal-ezekuzzjoni ta` dan il-provvediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**